# Ir-Rata Baxxa tat-Twelid f'Malta – Sfida Eżistenzjali (Parlament ta' Malta)

Daniel Borg  Il-Ħamis 13 ta' Lulju 2023

---

Nirringrazzja lill-Assoċjazzjoni Maltija ta' min iħaddem ta' din l-istedina. Hija tema nteressanti ħafna, speċjalment f'dibattitu nazzjonali rigward il-popolazzjoni ta' Malta vis á vis ix-xogħol. Bħala Kamra tan-Negozju stabbilita f'Għawdex se nkun qed nagħti ftit perspettiva minn naħa ta' Għawdex fuq id-diskussjoni tagħna llum

Mill-aħħar ċensiment (2021) jirriżulta li l-popolozzajoni ta' Għawdex hija preżentament ta' 39,278 ruħ, żieda ta' 'l fuq minn 25% meta kkumparata mal-2011 fejn il-popolazzjoni kienet tlaħħaq ftit aktar minn 31,375. Dan meta tqis li bejn l-2005 (31,007) u l-2011 iċ-ċaqliq fil-popolazzjoni kien kważi null. U dan isegwi andament simili għall-pajjiż kollu nċentivat minn tkabbir ekonomiku li ra żieda qawwija fil-migranti li qed jaħdmu f' pajjiżna. Skont l-aħħar ċensiment il-popolazzjoni ta' barranin li jirrisjedu f'Għawdex kienet tlaħħaq l-ammont ta' 7,662, jiġifieri kważi 20% tal-popolazzjoni. L-*average age* tal-popolazzjoni f'Għawdex hija ta' kważi 44 sena (43.8). Mill-aħħar ċifri riveduti li ħarġu jidher li dan iċ-ċaqliq fil-popolazzjoni huwa kkawżat prinċipalment minn żieda fil-migrazzjoni.

U hawnhekk nixtieq naqsam magħkhom ftit rifelessjonijiet fuq l-isfidi li dan qed iġib miegħu, sfidi fejn jidħol per eżempju l-iżvilupp f'Għawdex. F'Għawdex f'dawn l-aħħar snin rajna żvilupp eċċessiv. Ma kienx biss dan, imma d-domanda li ġejja mil-migrazzjoni kienet ukoll waħda minn dawk l-aspetti li żiedet id-domanda għall-propjeta speċjalment fis-suq tal-kera. Nistqarr magħkhom li bħala gżira ma konniex preparati għalih u n-nuqqas ta' ppjanar reġjonali fisser binjiet kbar u eċċessivi f'komunitajiet li ma kienux jifilħu għalihom.

Minn riċerka li saret jidher ukoll li ż-żieda fil-migranti fisser ukoll dinamiċi ġodda fil-komunitajiet tagħna li ma konniex ippreparati għalihom. Dan l-aħħar saru ħafna studji tajbin u huwa mportanti li nifhmu dawn ir-realtajiet ġodda, imma mhux biss nirriflettu imma naġixxu. Neħtieġu li s-servizzi li hawn f'Malta jkunu preżenti wkoll f'Għawdex u li jkun hemm għarfien ikbar minn kulħadd.

Imma l-migrazzjoni mhux dejjem ifisser li l-persuni li qed jiġu jkollhom għeruq fil-post u dawn jistgħu jitilqu jekk isibu opportunitajiet aħjar. Ma tagħtihomx tort! U għalhekk il-ħsieb tagħna fuq it-tkabbir fil-popolazzjoni li qed

nesperjenzjaw, u li mhux ikkawżat minn rata ikbar tat-twelid f'pajjiżna, għandu jwassalna biex nistaqsu l-għala ta'dan? Ħloqna mudell li kbirna żżejjed mingħajr ħsieb? Naffaċjaw kriżi jekk l-ekonomija tagħna ma tibqax tajba biżżejjed li tattira ħaddiema barranin? Hemm ħafna mistoqsijiet. Imma f'dan il-kuntest huwa mportanti li ma npoġġux lil kulħadd fl-istess keffa. Għawdex għandu realtajiet differenti. In-nuqqas ta'ċertu niċeċ ekonomiċi tajbin f'Għawdex, qed iwassalna għal ħafna professjonisti żagħar li jiddeċiedu li jistabilixxu ruħhom f'Malta. U jekk l-ekonomija f'Għawdex ma tiddiversifikax ruħha nirriskjaw li nsiru gżira ta' pensjonanti u xjuħ, dan għad-detriment per eżempju ta' setturi oħra mportanti bħal volontarjat.

Mill-aħħar ċensiment joħroġ li l-*old age dependency ratio* f' Għawdex hija ta' 33.5%. Dan huwa ferm għoli meta ninnutaw li l-medja nazzjonali hija ta' 27.6%. Dan joffri wkoll sfidi ġodda wkoll fuq is-servizzi li qed jingħataw lill-anzjani f'Għawdex. U għalhekk minn hawn nagħmel appell biex proġetti bħad-Dar tal-Anzjani f'Għajnsielem jiġu mplimentati mill-iktar fiss possibli.

Meta wieħed jieħu l-kuntest kollu nemmen li l-isfidi li qed jaffaċċja Għawdex f'dan il-każ nemmen li huma ikbar minħabba d-dipendenza żejda fuq setturi bħat-turiżmu u l-kostruzzjoni li jiddependu kompletament mill-barranin. U dawn huma wkoll setturi li ħafna drabi għandhom impatt negattiv fuq is-sostenibilta tal-gżira jekk mhux immexxijin minn ippjanar immirat u regolat li jagħti każ verament tar-realta' ta' Għawdex.